MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 2455/2000/1

**Is-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**Is-socjeta` STG Ltd; is-socjeta` Terry Ltd; Louis Scicluna u martu Vivienne Scicluna; Anton sive Anthony Spiteri u martu Josette Spiteri; u Joseph Pace u martu Carmen Pace**

**Il-Qorti:**
Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-Bank attur li tghid hekk:

"Peress illi s-socjeta` konvenuta STG Limited hija debitrici tas-socjeta` attrici HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' tnejn u disghin elf seba' mija u sittin Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm92,760.78), bhala parti minn somma akbar dovuta mis-socjeta` konvenuta STG Limited lis-sojceta` attrici in konnessjoni ma' flus lilha mislufa mill-bank attur. L-ammont mitlub ta' Lm92,760.78 hu dovut in kwantu ghal tnejn u sebghin elf sitt mija disgha u disghin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm72,699.66) bhala parti minn ammont akbar misluf mill-bank attur lis-socjeta` konvenuta kif inghad, u in kwantu ghal ghoxrin elf disa' mija u hames Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm20,905.63) bhala imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma ta' Lm72,699.66 konteggjat tali imghax mit-22 ta' Marzu 1997, sal-24 ta' Ottubru 2000, hekk kif jidher minn *statement of account*, anness Dok A.

"Peress illi l-konvenuti l-ohra kollha kkostitwew ruhhom garanti solidali mas-socjeta` konvenuta STG Limited ghall-hlas tad-debitu taghha lejn is-socjeta` attrici kif jidher minn *statement of account* anness Dok B u mill-kopji tal-garanziji (Dok C sa Dok H) oltre l-imghaxijiet.

"Peress illi s-socjeta` attrici zammet id-dritt li titlob il-pagament kollu dovut jew ta' parti minnu *on demand*.

"Peress illi l-konvenuti ghalkemm interpellati jhallsu l-kapital u l-imghaxijiet minnhom dovuti baqghu inadempjenti;

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

"1) Tikkundanna s-socjeta` konvenuta STG Ltd bhala debitrici principali thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnejn u disghin elf seba' mija u sittin Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm92,760.78) liema somma hija dovuta lis-socjeta` attrici kif fuq premess, bhala parti minn ammont akbar dovut fuq self lilha moghti.

"2) Tikkundanna lill-konvenuti l-ohra kollha solidalment mas-socjeta` konvenuta STG Limited ihallsu lis-socjeta`

attrici l-imsemmija somma ta’ tnejn u disghin elf seba’ mija u sittin Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm92.760.78).

“Bl-ispejjez, u bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena konteggjat b’effett mill-25 ta’ Ottubru 2000, sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol. 37) li in forza taghha eccepew illi:
“1. Preliminarjament l-eccezzjoni ta’ konnessjoni ta’ din il-kawza ma’ kawza ohra fl-istess ismijiet Citazzjoni Numru 2572/97/GCD pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u dan ai termini ta’ l-Artikolu 793(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2. Illi kif gia` gie eccepit fil-kawza fuq citata l-konvenut Joseph Pace proprio kellu diversi kontijiet tramite kumpaniji li huwa kien jikkontrolla fosthom il-kumpaniji konvenuti f’din il-kawza, liema kontijiet kienu manipulati minn ufficjal tal-Bank attur u naqsu diversi somom mill-istess kontijiet billi ngibdu flus meta dan ma kienx awtorizzat.

“3. Illi minhabba tali manipulazzjoni l-garanti solidali ghandhom jigu liberati mill-obbligi taghhom stante li l-bank attur naqas li jiehu azzjoni biex iwaqqaf tali abbuz bi detriment ghalihom.

“4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-facilita` bankarja moghtija lill-eccipjenti kellha tifforma parti minn ftehim li kien intlahaq sabiex il-konvenuti jaqilbu l-facilitajiet bankarji mill-Bank of Valletta p.l.c. ghall-bank attur u ghalkemm sar ftehim f’dan is-sens il-Bank attur naqas jonora l-ftehim milhuq u ghalkemm avvanza xi somom ghall-“business commitments” tal-konvenuti huma hallew il-konvenuti skoperti billi ma onorawx l-obbligu li jassumu l-krediti tal-bank of Valletta p.l.c. u b’hekk kkawzaw danni enormi lill-konvenuti kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

“5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit huwa car u manifest li s-somma mitluba mill-bank attur f’din il-kawza huwa eccessiv stante li fic-citazzjoni numru 2572/97 inghad li t-talba kienet limitat ghal mitt elf lira (Lm100,000) bhala kapital u f’din il-kawza l-kapital li qed jintalab jammonta ghal tnejn u sebghin elf sitt mija u disa’ u disghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm72,699.66) meta mid-dokument hawn esebit bhala dokument JP1, is-somma bhala kapital allegatament dovuta fl-1998 meta il-kont kien wieqaf kien ta’ mija u seba’ u erbghin elf mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm147,125) diskrepanza ta’ ’l fuq minn hamsa u ghoxrin elf lira.

“6. Illi l-konvenuti m’ghandhomx jehlu spejjez ta’ din il-vertenza ghaliex m’hemm l-ebda raguni legali ghaliex il-pretensjonijiet tal-bank attur ma gewx dedotti fic-citazzjoni msemmija fl-ewwel eccezzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Dicembru 2003, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
“tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* ihallsu lill-attrici erbgha u hamsin elf, tmien mija u wiehed u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm54,861.25) flimkien ma’ l-imghaxijiet fuq dik is-somma mill-14 ta’ Novembru 2000 sa meta jsir il-hlas. L-ispejjez jinqasmu hekk: nofs thallsu s-socjetà attrici u n-nofs l-iehor ihallsuh il-konvenuti flimkien.”

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Waqt is-smigh tax-xhieda u bis-sahha ta’ dokumenti esebiti fl-atti ta’ din il-kawza u tac-citazzjoni 2455/2000 saret il-prova illi tassew illi s-socjetà attrici ghandha tiehu minghand is-socjetà konvenuta *STG Ltd*, u li l-konvenuti l-ohra ntrabtu bhala garanti biex jaghmlu tajjeb ghad-dejn; ma saret ebda eccezzjoni dwar il-limitu tal-garanzija.

“Mir-ragunijiet ghac-cahda tat-talbiet tas-socjetà attrici illi, skond it-tieni, it-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenuti, kellhom johorgu waqt is-smigh tal-kawza, ma hareg xejn

hlief allegazzjonijiet maghmula mill-konvenut Joseph Pace li izda ma ressaq ebda prova dwar dak li allega.
Fil-fehma tal-qorti, izda, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet jehtieg li jkunu mistharrga.

"Il-hames eccezzjoni tghid illi, kif jidher minn dokument mahrug mill-attrici stess[1], il-kapital fis-27 t'Ottubru 1998 kien ta' mija u sebgha u erbghin elf, mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm147,125). Fic-citazzjoni 2572/1997,ipprezentata fil-11 ta' Novembru 1997, intalbu mitt elf lira (Lm100,000) u l-imghaxijiet fuqhom, u ghalhekk kellu jifdal bilanc ta' sebgha u erbghin elf, mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm47,125) mill-kapital; fil-kawza tallum, izda, is-socjetà attrici qieghda titlob tnejn u sebghin elf, sitt mija u disgha u disghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm72,699.66) bhala kapital, differenza ta' hamsa u ghoxrin elf, hames mija u erbgha u sebghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm25,574.66).

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha s-socjetà attrici tfisser illi hemm dik id-differenza ghax fuq id-dokument li juri l-istat tal-kontijiet fis-27 t'Ottubru 1998 l-imghaxijiet ma humiex komposti, waqt li ghall-ghanijiet tal-kawza nhadmu komposti.

"Lil din il-qorti, ghalkemm l-imhallef li qieghed fiha ghandu l-fehma tieghu dwar din il-kwistjoni ta' mghaxijiet komposti fuq *overdraft facilities* li mhux bilfors taqbel mal-gurisprudenza prevalenti, ma jidhrilhiex illi f'dan il-kaz ghandha tqis din il-kwistjoni. Ir-raguni hija illi d-differenza msemmija fl-eccezzjoni ma hix fl-imghaxijiet izda fil-kapital. Barra minn hekk, is-socjetà attrici ma ressqet ebda prova dwar kif imghaxijiet komposti fuq kapital li kien ta' mija u hamsa u erbghin elf, tmien mija u sitta u hamsin lira (Lm145,856) meta nfetah il-kont fis-7 t'April 1995[2], jaghmlu, fi ftit aktar minn tliet snin u nofs sas-27 t'Ottubru 1998, differenza ta' hamsa u ghoxrin elf, hames mija u erbgha u sebghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm25,574.66) aktar minn imghaxijiet semplici fuq l-istess

[1] *Fol.* 41.

[2] Ara dok. A, *fol.* 5 fl-atti tac-citazzjoni 2572/1997.

kapital. Il-kalkolu ta' l-attrici jidher li hu matematikament hazin.

"Il-qorti ghalhekk sejra toqghod fuq id-dokument li juri l-istat tal-kont fis-27 t'Ottubru 1998 u tnaqqas il-kapital ghal sebgha u erbghin elf, mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm47,125). L-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mis-27 t'Ottubru 1998 sal-14 ta' Novembru 2000, meta nfethet il-kawza, jigu sebat elef seba' mija u sitta u tletin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm7,736.25). B'kollox ghalhekk is-socjetà attrici ghandha tiehu erbgha u hamsin elf, tmien mija u wiehed u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm54,861.25).
"L-ahhar eccezzjoni tghid illi s-socjetà attrici ghamlet spejjez zejda ghax setghet talbet il-hlas tad-dejn kollu b'citazzjoni wahda flok tiftah zewg kawzi. Is-socjetà attrici wiegbet illi kellha l-jedd taghzel li, ghall-ewwel, flok id-dejn kollu titlob il-hlas ta' parti mid-dejn. Dak li qalet is-socjetà attrici huwa minnu, izda bhala fatt it-triq li ghazlet ma serviet ghal xejn hlief biex izzid l-ispejjez. Huwa xieraq ghalhekk li parti mill-ispejjez tbatihom hi. F'kull kaz, ladarba s-somma li l-qorti sejra tikkundanna lill-konvenuti jhallsu hija anqas minn dik mitluba mis-socjetà attrici, l-attrici ghandha tbati parti mill-ispejjez."

Rat l-appell kontra din is-sentenza interpost mill-konvenuti liema appell gie minn din il-Qorti dikjarat dezert fit-30 ta' Jannar, 2007;

Rat ir-rikors ipprezentat mill-Bank attur fis-17 ta' Dicembru 2003, li in forza tieghu talab lill-ewwel Qorti tikkoregi zball matematiku fis-sentenza a tenur ta' l-Artikolu 825 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li b'digriet tat-18 ta' Lulju 2006 l-ewwel Qorti cahdet it-talba kontenuta f'dan ir-rikors wara li kkunsidrat li "effettivament ir-rikorrenti qeghda titlob korrezzjoni mhux ta' zball matematiku izda ta' apprezzament ta' provi."

Wara dan id-digiret, il-Bank attur, b'rikors datat 31 ta' Lulju 2006, interpona appell kemm mid-digriet tat-18 ta' Lulju

2006, kif ukoll mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-5 ta' Dicembru, 2003.

L-aggravju tal-Bank attur, fiz-zewg kazi, jirreferi ghal mod ta' kif l-ewwel Qorti kkalkulat l-ammont tad-debitu u l-imghax relattiv; gie allegat li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx l-imghax li ddekorra fuq perijodu ta' tlett snin. IL-bank qed jissottometti li dan kien zball matematiku jew, jekk le, aggravju li a bazi taghha ressaq appell.

Qabel ma jigi trattat il-meritu ta' l-aggravju ta' l-appellanti, din il-Qorti tara li ghandha tissolleva u tidderimi l-kwistjoni dwar il-validita` ta' l-appell tal-bank attur u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 825 tal-Kap. 12, u tal-fatt li l-appell mis-sentenza gie interpost kwazi tlett snin wara li din inghatat mill-ewwel Qorti. Sollevati dawn il-problemi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2007, il-bank attur issottometta li darba li hu kien intavola rikors biex jitlob korrezzjoni ghal zball ta' kalkolu, it-terminu ghall-appell mis-sentenza fil-meritu jkun sospiz sakemm jinghata provvediment fuq dik it-talba.

Dan pero`, ma tghidux il-ligi. L-Artikolu 825 tal-Kap. 12 jipprovdi kif gej:
"**825.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-qorti, fuq rikors ta' wadha mill-partijiet, li ghandu jigi notifikat lill-parti l-ohra, milli tikkoregi b'digriet, f'kull zmien, xi zball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza.

"(2) Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkoregi zbalji fil-kliem uzat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux cari, jew li jistghu jifthiehmu xort'ohra minn dak li kif jidher car riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors ghal daqshekk fi zmien tletin gurnata minn dakinhar tas-sentenza, u f'dak il-kaz, iz-zmien moghti minn dan il-Kodici ghall-appell mis-sentenza li tkun giet hekk ikkoregguta, jibda jghaddi minn dakinhar tad-digriet moghti fuq it-talba ghall-korezzjoni."

Minn qari ta' dan l-artikolu ghandu jidher car li, f'kaz ta' talba ghall-korrezzjoni ta' xi zball ta' kalkolu, it-terminu ta' l-appell ma jigix sospiz. Il-ligi tipprovdi ghal sospensjoni

tat-terminu ghall-appell f'kaz ta' talba li ssir lill-ewwel Qroti biex din tikkoregi zball fil-kliem uzat jew biex tbiddel espressjonijiet li ma jkunux cari, izda mhux meta l-izball allegat hu biss ta' kalkolu. Fil-fatt, filwaqt li f'kaz ta' allegat zbalji ta' espressjoni, ir-rikors irid isir fi zmien 30 gurnata minn dakinhar tas-sentenza – terminu qasir u perentorju peress li jissospendi t-terminu ghall-appell – f'kaz ta' allegat zball ta' kalkolu, ir-rikors jista' jsir *"f'kull zmien"*, indikazzjoni cara li tali rikors, li jista' jigi pprezentat anke snin wara l-ghoti tas-sentenza, ma jirravvivax id-dritt ta' l-appell li jkun gia` skada. Zball ta' kalkolu mhux suppost jincidi fuq il-meritu tal-kawza, u parti ghandha tirrikorri ghal dan ir-rimedju meta jkun jidher car li, fis-sentenza, il-Qorti tkun ghamlet zball ovvju matematiku. Kull tip ta' aggravju iehor irid jigi ventilat bil-procedura normali ta' l-appell. Jekk dik il-parti tonqos li tressaq appell fit-terminu preskritt, ma tistax tirravviva dan id-dritt b'rikors bazat fuq pretiz zball ta' kalkolu.

Kwindi l-appell mis-sentenza finali ghandu jitqies li gie prezentat *fuori termine* u kwindi null.

Kwantu ghall-appell mid-digriet tat-18 ta' Lulju 2006, ma jidhirx li dak id-digriet hu appellabbli fil-mod propost (jigifieri, b'semplici rikors ta' l-appell). Din il-Qorti kienet gia` trattat punt simili fid-decizjoni li tat dan l-ahhar, u precizament fit-13 ta' Frar 2007, fl-atti tar-rikors fl-ismijiet **Angelo Spiteri et v. Andrew Cilia et**. F'dik id-decizjoni, din il-Qorti osservat li, f'kaz ta' digrieti ta' natura definittiva (bhal ma hu d-digriet in kwistjoni), "appell u kontestazzjoni" ma jsirx permezz ta' rikors ta' appell direttament lil din il-Qorti, bhalma sar fil-kaz odjern, izda permezz ta' rikors guramentat (gia` citazzjoni) quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet, bi dritt ta' appell lil din il-Qorti *una volta* tinghata sentenza in prim istanza.

Kwindi, l-appell mid-digriet in kwistjoni huwa wkoll irritu u null, u l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-HSBC Bank Malta p.l.c. billi tiddikjara

l-istess irritu u null (kemm ghal dak li jirrigwarda l-appell mis-sentenza tal-5 ta' Dicembru 2003, u kemm dak li jirrigwarda l-appell mid-digriet tat-18 ta' Lulju 2006) u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess.

L-ispejjez marbuta ma' din id-decizjoni ghandhom jithallsu mill-Bank appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------